# LIL SANTA MONIKA

*Ġieħ tal-mara nisranija,*
*Xempju ħaj ta' l-ommijiet,*
*Santa Monika, sellmulek*
*Mistagħġbin iż-żminijiet.*

*Int minn ommok u missierek*
*Xrobt l-imħabba ta' Ġesù,*
*U fit-triq ta' ħajja mwiegħra*
*Dejjem baqa' jmexxik Hu.*

Ritornell : *Santa Monika, għallimna*
*Nimxu miegħek għalenija*
*Sew fis-sedqa mar-rġiel tagħna,*
*Sew fis-sengħa tat-trobbija.*

*Liema għaqal, liema tjieba,*
*Lejn min ħatrek b'martu wrejt!*
*B'liema sabar, b'liema ħlewwa*
*B'dawl is-Sema 'l ħsiebu mlejt!*

*Hekk irbaħt; u kemm imħabbtek*
*Għoġbot 'l Alla lkoll nafuh.*
*Ma' min kont waħda fil-ġisem*
*Sirt ukoll waħda fir-ruħ*

Ritornell : *Santa Monika, għallimna, eċċ.*

*Taf Tagaste u tafu Ruma*
*Għal uliedek kemm batejt;*
*Qatt fil-ġid, fil-għaks, fil-għera*
*Id-dmir tiegħek ma ħallejt:*

*Disa' snin tibki u tistenna,*
*Titlob 'l Alla jkun ħanin,*
*Hekk int, omm, biddiltu f'anġlu*
*Lill-maħbub tiegħek Wistin.*

Ritornell : *Santa Monika, għallimna, eċċ.*

20. XII. 44. DUN KARM.